**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 20 ta' Novembru 2017**

**Rikors Numru. 334/12**

**Claudette Buttigieg maghrufa wkoll bhala Claudette Pace (ID 93868(M) u Cliché Media Entertainment Co Ltd (C28416)**

**Vs**

**Public Broadcasting Services Limited (C13141)**

**u**

**Professur Joseph Pirotta, Professur Maryanne Lauri, Charles Mizzi, Anton Attard, Reuben Zammit u Natalino Fenech fil-kapacita' taghhom bhala membri tal-Bord Editorjali ta' Public Broadcasting Services Ltd**

**u**

**Deemedia.tv Limited (C22739), ghal kull interess li jista' jkollha**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Claudette Buttigieg u Cliché Media Entertainment Co Ltd**ipprezentat fit-12 ta' Dicembru 2012 fejn gie premess is-segwenti:-

"

1. *Illi in forza ta' ftehim milhuq bejn l-esponenti u l-kumpannija DeeMedia.tv Ltd (C 27739) datat 30 ta' Lulju 2012, li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat Dokument "A", il-kumpannija esponenti giet inkarigata sabiex Claudette Pace tipprezenta l-programm "Sellili" bejn Ottubru 2012 u Gunju 2013 kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha min-nofsinhar u hamsa sal-erbgha ta' wara nofsinhar;*

2. *Illi dan il-ftehim intlahaq wara illi l-kumpannija DeeMedia.tv Ltd ghamlet proposta lill-kumpannija intimata sabiex il-programm "Sellili" ipprezentat mill-esponenti Claudette Pace jixxandar f'dan il-perjodu, liema proposta giet accettata mill-kumpannija intimata;*

3. *Illi l-kumpannija rikorrenti Cliché Media Entertainment Limited, ilha diversi snin ixxandar il-magazine programme bl-isem "Sellili", liema isem jappartjeni lill-esponenti Claudette Pace u lil zewgha David Buttigieg;*

4. *Illi fis-17 ta' Settembru 2012, l-esponenti Claudette Pace iddikjarat illi kienet bi hsiebha tohrog bhala kandidat mal-Partit Nazzjonalista fl-elezzjoni generali li jmiss;*

5. *Illi l-ghada u cioe` fit-18 ta' Settembru 2012, Claudette Pace giet infurmata tramite email illi l-Bord Editorjali ta' PBS Broadcasting Services Limited kien innotifika lill-kumpannija Deemedia.tv Ltd illi hi ma setghetx tipprezenta l-programm "Sellili" b'effett mill-1 ta' Ottubru 2012, unikament minhabba d-dikjarazzjoni tal-kandidatura taghha, u kopja tal-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "B".*

6. *Illi tali decizjoni giet ikkonfermata mill-kumpannija intimata PBS permezz ta' kontro-protest gudizzjarju pprezentat nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Settembru 2012;*

7. *Illi l-kumpannija DeeMedia.tv Limited diga' ddikjarat illi tinsab disposta illi tkompli l-programm "Sellili" f'kaz illi l-Bord Editorjali jigi mgieghel jirtira d-direzzjoni tieghu;*

8. *Illi l-kumpannija intimata Public Broadcasting Services Limited hija korp kostitwit ai termini tal-ligi;*

9. *Illi tali decizjoni ttiehdet l-ghada illi l-esponenti ddikjarat l-intenzjoni taghha minghajr lanqas ma giet infurmata l-esponenti dwar tali decizjoni u minghajr ma ntalbet taghti l-verzjoni taghha dwar l-intenzjonijiet taghha;*

10. *Illi l-esponenti ghandhom interess u jinsabu rinfaccjati bil-konsegwenzi tad-decizjoni li hadu l-Bord Editorjali u l-kumpannija intimata Public Broadcasting Services Limited;*

11. *Illi per konsegwenza ta' tali decizjoni da parti tal-kumpannija intimata il-programm "Sellili" pprezentat mill-esponenti ma xxandarx fl-1 ta' Ottubru 2012 izda minfloku xxandar programm iehor bl-isem TV-PM minn zewg individwi ohra, kif ser jigi ampjament spjegat waqt il-kawza;*

12. *Illi tali decizjoni da parti tal-Public Broadcasting Services Limited wara direzzjoni tal-Bord Editorjali hija bla ebda bazi billi wiehed ma jistax jifhem kif is-semplici dikjarazzjoni tal-kandidatura ta' Claudette Pace tista' b'xi mod timpingi fuq il-kwalita` ta' programmi illi l-esponenti hija maghrufa illi tipprezenta li m'humiex ta' natura politika jew ta' grajjiet kurrenti u meta lanqas kienet ghadha thabbret l-elezzjoni generali;*

13. *Illi x-xandir jikkostitwixxi l-professjoni u l-uniku mezz ta' ghixien ghal Claudette Pace u, per konsegwenza ta' tali direzzjoni da parti tal-Bord Editorjali kif ikkonfermata mill-kumpannija Public Broadcasting Services Limited, l-esponenti qed tigi mcahhda milli tipprattika l-professjoni mal-kumpannija intimata DeeMedia.tv Limited meta l-elezzjoni generali kienet ghadha ma thabbritx u qed tesponiha ghall-konsegwenzi finanzjarji kbar, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

14. *Illi l-esponenti lanqas tista' tifhem kif twaqqfet milli xxandar il-programm "Sellili" b'effett mill-1 ta' Ottubru 2012 bl-iskuza illi ddikjarat il-kandidatura taghha fis-17 ta' Settembru li ghadda, meta l-istess programm ipprezentat minnha baqa' jixxandar bejn it-18 ta' Settembru 2012 u cioe` d-data meta ttiehdet id-decizjoni sat-28 ta' Settembru 2012 bhala parti mill-iskeda tas-sajf tal-Public Broadcasting Services Limited;*

15. *Illi l-programm "Sellili" kien l-uniku mezz ta' introjtu tal-esponenti f'dan il-perjodu rikorrenti u kien jirrapprezenta l-uniku dhul tal-esponenti u konsegwentement, ir-rikorrenti spiccaw minghajr dhul f'dan il-perjodu;*

16. *Illi l-esponenti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2002 fl-ismijiet "**John Bundy u Clyde Puli vs l-Awtorita tax-Xandir**" fejn il-Qorti kienet ikkonkludiet illi l-fatt wahdu illi wiehed jesprimi pubblikament l-intenzjoni tieghu illi johrog bhala kandidat fl-elezzjoni generali ma kinitx bazi sufficjenti sabiex l-Awtorita` tax-Xandir twaqqfu milli jkompli jezercita l-professjoni tieghu ta' xandar. Illi tali decizjoni kontra awtorita` kostituzzjonali bhal ma hija l-Awtorita` tax-Xandir tapplika multo magis ghall-kumpannija PBS kostitwita skont il-ligi;*

17. *Illi in vista ta' dan kollu, id-decizjoni tal-intimati hija bla bazi u tippregudika serjament l-interessi tal-esponenti billi qed jigu mcahhda minn dhul finanzjarju taghhom;*

*Ghaldaqstant, u in vista tal-premess, l-esponenti jitolbu umilment lil dan it-Tribunal sabiex:*

(1) *Jiddikjara illi l-agir tal-intimati u cioe` l-Bord Editorjali u l-Public Broadcasting Services Limited hija bla ebda bazi, ultra vires u kontra l-ligi;*

(2) *Jillikwida d-danni sofferti mill-esponenti per konsegwenza ta' tali decizjoni da parti tal-intimati jew min minnhom;*

(3) *Jikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu dawk id-danni li jigu hekk likwidati."*

Ra r-risposta tal-**Public Broadcasting Services, Prof. J M Pirotta, Prof. Maryanne Lauri, Charles Mizzi, Anton Attard, Reuben Zammit u Natalino Fenech** pprezentata fl-4 ta' Jannar 2013 fejn eccepew is-segwenti:-

*"In kwantu Public Broadcasting Services Limited, illi d-decizjoni attakkata kienet wahda mehuda in buona fede fuq direzzjoni tal-Bord Editorjali li fic-cirkostanzi tal-kaz hadet hi stess decizjoni li ghandha tigi meqjusa ragjonevoli fic-cirkostanzi.*

*In kwantu Anton Attard, Reuben Zammit u Natalino Fenech ma humiex membri tal-Bord Editorjali u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*In kwantu Prof. Pirotta, Prof. Lauri u Charles Mizzi, d-decizjoni attakkata ghandha titqies ragjonevoli fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta ta' **DeeMedia.tv Limited** pprezentata fis-7 ta' Jannar 2013 fejn gie eccepit is-segwenti:-

"

1. *Illi s-socjeta' eccipjenti ghandha tigi mehlusa mill-harsien tal-gudizzju stante li hija ma wettqet l-ebda eghmil amministrattiv li jista' jigi ssindikat minn dan it-Tribunal skont il-ligi. Ghalhekk is-socjeta' eccipjenti ghandha tinheles minnufih minn din il-kawza a spejjez interament tar-Rikorrenti;*

2. *Illi preliminarjament ukoll, dan it-Tribunal lanqas ghandu kompetenza skont il-ligi halli jiddeciedi fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti;*

3. *Illi dak li wettqet is-socjeta' eccipjenti hu li segwit id-direttivi moghtija lilha mill-Public Broadcasting Services Limited hekk kif del resto kellha obbligu li taghmel. Ghalhekk is-socjeta' eccipjenti ma ggorr l-ebda tip ta' risponsabbilta' fil-konfront tar-Rikorrenti;*

4. *Illi s-socjeta' eccipjenti taghmel riferenza ghas-'Service agreement' datat 30 ta' Lulju 2012 ffirmat bejnha u bejn kumpanija irrapresentata mir-Rikorrenti a tenur ta' klawsola hdax [11] tal-istess ftehim l-istess Rikorrenti qedha tirrikonoxxi li l-istess socjeta' eccipjenti tista' tagixxi b'dan il-mod meta tircievi direttivi mill-Public Broadcasting Services Limited;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu su-eccepit, ma jidhirx illi hemm talba ghal xi rimedju li huwa dirett lejn is-socjeta' eccipjenti min naha tar-rikorrenti;*

6. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;*

7. *Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi."*

Ra illi fis-seduta tal-4 ta' Frar 2013 is-socjeta` PBS Ltd. irtirat it-tieni eccezzjoni taghha;

Sema' x-xhieda u ra l-affidavit tar-rikorrenti Claudette Buttigieg u ta' David Buttigieg;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra li s-socjeta` Public Broadcasting Services Limited (PBS Ltd.) giet awtorizzata minn dan it-Tribunal permezz ta' digriet datat 28 ta' Jannar 2014 tressaq eccezzjoni ulterjuri;

Ra in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` PBS Ltd.ipprezentata fit-12 ta' Frar 2014 fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"Illi preliminarjament jigi eccepit illi dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza ratione materiae li jiddeciedi dan il-kaz stante li l-kaz de quo ma jirrigwardjax att amministrattiv maghmul minn amministrazzjoni pubblika u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-imsemmija attrici."*

Ra l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu 2014 fejn dan ir-rikors thalla ghal decizjoni preliminari fuq l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` PBS Ltd. u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` DeeMedia.tv. Ltd.;

Ra d-decizjoni tat-12 ta' Gunju 2014 fejn it-Tribunal cahad l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` PBS Ltd. u laqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` DeeMedia.tv Ltd u kwindi lliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;

Ra s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) datata 13 ta' Jannar 2016 li permezz taghha l-atti gew rimessi quddiem dan it-Tribunal biex jissokta bis-smiegh tal-kawza;

Ra l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esebiti;

Ra li r-rikors thalla llum ghal sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassewhom aggravati b'decizjoni mehuda mill-Bord Editorjali tal-Public Broadcasting Limited (hawn aktar 'l isfel imsejjah PBS Limited) li permezz taghha gew mgharrfa illi *magazine programme* bl-isem "Sellili" ipprezentat mir-rikorrenti Claudette Buttigieg maghrufa wkoll bhala Claudette Pace (hawn aktar 'l isfel imsejjha Claudette Pace) u imtella' mis-socjeta` rikorrenti Cliché Media Entertainment Limited kien se jigi mwaqqaf b'effett mill-1 ta' Ottubru 2012 wara li r-rikorrenti Pace iddikjarat pubblikament li kient bi hsiebha tohrog bhala kandidat mal-Partit Nazzjonlista fl-elezzjoni generali tal-2013.

**Natalino Fenech,** ex-editur u Kap tat-Taqsma tal-Ahbarijiet tal-PBS Limited, xehed illi hu bhala editur kien *ex officio* membru tal-Bord Editorjali tal-istess Kumpanija. Spjega li l-Bord Editorjali huwa responsabbli ghall-kontenut li jixxandar fuq l-istazzjon nazzjonali.

Jispjega illi meta thabbar isem ir-rikorrenti bhala kandidata ghall-Elezzjoni Generali huwa nforma lic-Cermen tal-Bord Editorjali, u l-Bord, b'mod unanimu, ha d-decizjoni li r-rikorrenti ma setghetx tibqa' tipprezenta l-programm in vista li kienet gejja l-Elezzjoni Generali. Jispjega li din id-decizjoni ittiehdet ghaliex bhala stazzjon nazzjonali hassew li m'ghandux ikollu prezentaturi kandidati ghall-Elezzjoni Generali ghaliex jista' jkollhom vantagg fuq kandidati ohra. Jispjega li din id-decizjoni ittiehdet b'konformita mal-*policy* pubblika tal-PBS. Jghid li qabel kull elezzjoni l-Awtorita` tax-Xandir tippubblika linji gwida.

**Ir-rikorrenti** spjegat illi hija ilha tahdem sbatax-il sena fil-kamp tax-xandir u li kienet hija li holqot l-isem "Sellili" ghall-programm in kwistjoni, tant li gie registrat bhala *trademark* f'isem Cliché Media & Entertainment Limited, li hija kumpanija taghha u tar-ragel taghha. Tispjega li hija ghamlet xi zmien impjegata mal-Ministeru tas-Sahha pero` fl-2011 irritornat fil-kamp tax-xandir u avvicinaw lis-socjeta` DeeMedia.tv li kienet qieghda ttella' programm wara nofsinhar fuq l-istazzjoni nazzjonali u eventwalment f'Ottubru 2011 bdiet tipprezenta hi dan il-programm bl-isem "Sellili". Tghid li barra minn hekk, il-Kumpanija Cliché kienet irnexxielha tikseb diversi *sponsors* ghall-istess programm b'dana illi l-istess Kumpanija kienet tiehu kummissjoni fuq il-valur tal-bejgh tar-reklamar. Tispjega illi dan il-programm ghamel l-iskeda kollha tax-xitwa 2011/2012 u anke l-iskeda tas-sajf 2012. Illi l-Kumpanija DeeMedia.tv kienet infurmata li l-programm kien gie konfermat ghall-iskeda tax-xitwa 2012/2013 pero` staqsewha jekk kinitx se tkun kandidata ghall-Elezzjoni Generali u hi rrispondithom li kienet ghadha ma ddecidietx. Pero`, f'Settembru 2012, iddecidiet li kienet se tikkontesta u l-ahbar thabbret ufficjalment mill-Partit Nazzjonalista fis-17 ta' Settembru 2012 filghaxija.

Tispjega li l-ghada fil-ghodu fl-10.00am irceviet email minghand il-Managing Director ta' DeeMedia.tv li l-Bord Editorjali tal-PBS kienu infurmah bil-miktub li ma setghetx tkompli tipprezenta l-programm fl-iskeda tax-xitwa minhabba l-kandidatura taghha. Tghid li hija hassitha offiza b'dan l-agir u li l-kontenut tal-programm taghha ma kellux kontenut politiku jew grajjiet kurrenti izda li kien immirat b'mod generiku ghall-mara tad-dar. Tghid li minkejja diversi skambji mal-Kumpanija DeeMedia.tv ma waslu ghal ebda konkluzzjoni peress li DeeMedia.tv ghamluha cara li kienu se jimxu mad-direttiva tal-PBS. Tghid li minkejja d-direttiva, il-programmi li kien fadal x'jixxandru ghal Settembru 2012 xorta xxandru. Tghid li in vista li l-programm ma xxandarx fl-isekda tax-xitwa, il-Kumpanija Cliché Media & Entertainment Co. Ltd. tilfet kull mezz ta' introjtu. Tispjega li l-PBS ma hax il-verzjoni taghha biex tiddefendi ruhha u ghalhekk tqis li d-decizjoni kienet wahda mghaggla.

**David Buttigieg**, ir-ragel tar-rikorrenti, spjega illi fl-2001 huwa u martu iffurmaw il-Kumpanija Cliché Media & Enterainment Co. Limited li ttella' programmi televizi u tar-radju flimkien ma' bejgh ta' reklamar. Wiehed minn dawn il-programmi kien il-programm "Sellili". Jghid li fl-2011 huma avvicinaw lil DeeMedia.tv biex ir-rikorrenti tibda tipprezenta tali programm fuq l-istazzjon nazzjonali. Dan fil-fatt sar, liema programm baqa' jixxandar sa Settembru 2012. Jispjega li lejn l-ahhar tas-sajf martu ddecidiet li thabbar il-kandidatura taghha ghall-Elezzjoni Generali, liema ahbar giet pubblikata ufficjalment fis-17 ta' Settembru 2012. Jispjega li l-ghada filghodu martu irceviet e-mail minn DeeMedia.tv li l-Bord Editorjali tal-PBS kien innotifikahom li martu ma setghetx tibqa' tipprezenta l-programm "Sellili" li kellu jibda fl-1 ta' Ottubru 2012 in vista ta' direttiva tal-PBS.

**Joe Mizzi**, ex Cermen tal-Bord tad-Diretturi tal-PBS, xehed li t-termini ta' referenza tal-Bord Editorjali tal-PBS hu li jassessjaw il-proposti ghall-programmi u jimmoniterjawhom u wkoll jaghtu rakkomandazzjoni lill-Bord tad-Direttur x'programmi ghandhom jiffurmaw skeda partikolari. Jispjega li fiz-zmien in kwistjoni l-programm "Sellili" kien gie rakkomandat biex jifforma parti mill-iskeda tax-xitwa 2012/13 u l-Bord Editorjali ma kellu l-ebda oggezzjoni. Jispjega li wara li thabbret il-kandidatura tar-rikorrenti ma thallietx tipprezenta iktar programmi. Jghid li kienet *policy* tal-PBS li nies li huma dikjarati kandidati ma jithallewx jipprezentaw programmi. Jghid li dak li x'aktarx gara fil-kaz partikolari kien li cempillu s-CEO u infurmah bil-problema, u hu, min-naha tieghu informa lill-kumplament tal-Bord permezz ta' email u d-decizjoni tas-CEO kienet giet konfermata, permezz ta' emails, mill-Bord tad-Diretturi. Jispjega li l-Bord tad-Diretturi jkun ha l-pariri legali tieghu u li jekk ma kienx sejjer zball f'dan il-kaz il-parir hadu minghand l-Avukat Andrew Borg Cardona. Jghid pero` illi xi zmien wara, pero` qabel waslet l-Elezzjoni Generali, l-Awtorita` tax-Xandir ma baqghatx issostni l-*policy* mhaddna mill-PBS in kwantu ma baqghux joggezzjonaw li kandidati prospettivi

dikjarati jipprezentaw programmi televizivi. Jispjega li l-konsulent legali taghha kien tahom parir sabiex jaslu f'arrangament bonarju pero` mbaghad ma hadu l-ebda passi ghax kienet wisq qrib l-elezzjoni u d-decizjoni kienet titqies bhala *highly political*.

**Dr. Simon Manicolo,** segretarju tal-Awtorita` tax-Xandir, ikkonferma e-mail mibghuta minnu fis-26 ta' Settembru 2012, u li giet esebita a fol. 50 tal-process, li permezz taghha informa lir-rikorrenti illi l-Awtorita` ma kienet harget l-ebda direttiva in konnessjoni ma' xandara li kienu se jikkontestaw l-elezzjoni generali li kienet gejja.

**Joseph Sammut**, Cermen tal-Bord Editorjali tal-PBS, spjega li hu ma kienx jifforma parti mill-istess Bord fiz-zmien in kwistjoni pero` ghamel ricerka dwar x'gara. Jispjega li c-Cermen tal-Bord ta' dak iz-zmien, Dr. Pirotta, informa lill-Bord li r-rikorrenti kienet se tohrog ghall-elezzjoni u l-membri tal-Bord Editorjali qablu li m'ghandhiex tkompli tipprezenta programm ta' kuljum fuq il-PBS. Jispjega li r-rwol tal-Bord Editorjali huwa li jhares l-imparzjalita` u l-Kostituzzjoni f'dak li hu kontenut ta' programmi u l-prezentaturi. Muri fuljett intitolat "Linji Gwida dwar l-Obbligu tal-Imparzjalita` Dovuta" mahrug fl-2012 ix-xhud spjega li f'paragrafju tmienja (8) hemm imnizzel is-segwenti *"Persuna ghandha tinforma minnufih lill-Editur tal-istazzjoni (il-Kap tal-Ahbarijiet) u qabel ma ssir maghrufa pubblikament, bid-decizjoni taghha li tippartecipa f'xi kampanja, li titfa' l-kadidatura taghha ghal elezzjoni generali nazzjonali jew lokali."* Jispjega li llum il-gurnata, jekk prezentatur jitfa' l-kandidatura tieghu dik il-persuna ma tibqghax tipprezenta. Jispjega li l-PBS ghandu obbligi oneruzi ta' imparzjalita` skond kif sanciti fil-Kostituzzjoni. Jghid li pero` ma rrizultalux jekk il-Bord Editorjali taz-zmien in kwistjoni kienx uza l-linji gwida appena citati biex wasal ghad-decizjoni appellata. Mistoqsi jekk ir-restrizzjonijiet kinux japplikaw biss ghal prezentaturi ta' programmi ta' grajjiet kurrenti jew dwar suggetti kontroversjali, ix-xhud wiegeb li wiehed irid jara l-kontenut tal-linji gwida u mhux biss it-titolu u ghalhekk il-linji gwida japplikaw ghal kull prezentatur.

**John Bundy**, Kap Ezekuttiv tal-PBS, spjega li l-posizzjoni tal-PBS illum il-gurnata hi illi jekk xi prezentatur jikkandida ruhu ghal elezzjoni generali ma jithalliex jipprezenta programmi ghax bhala Kumpanija marbutin Kostituzzjonalment illi jridu jaghtu l-istess *air time* lill-kandidati kollha.

**Anton Attard**, Kap Ezekuttiv tal-PBS fiz-zmien in kwistjoni, xehed li l-programm ipprezentat mir-rikorrenti kien gie approvat mill-Bord Editorjali, pero` sussegwentement kien gie dikjarat li r-rikorrenti kienet se tkun kandidata ghall-Elezzjoni Geneali. Huwa jispjega li ghalhekk hass il-bzonn li jigbed l-attenzjoni tal-Bord Editorjali u eventwalment anke tal-Bord tad-Diretturi. Jghid li apparti l-linji gwida interni, kien hemm l-Att dwar ix-Xandir li kien

jipprekludi lill-PBS milli jaghti spazju dizugwali lil kandidati prospettivi. Jispjega li l-Bord tad-Diretturi kien qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord Editorjali.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassewhom aggravati b'decizjoni mehuda mill-intimati sabiex ir-rikorrenti Pace ma tkomplix tipprezenta l-programm "Sellili" fuq l-istazzjoni tax-xandir nazzjonali wara li giet imhabbra l-kandidatura taghha ghall-Elezzjoni Generali tal-2013. Illi r-rikorrenti Pace tilmenta wkoll illi din id-decizjoni rrekatilha kemm danni finanzjarji u danni ghall-karriera taghha ta' xandara.

Illi mix-xhieda mressqa jirrizulta illi d-decizjoni appellata ittiehdet fi ftit sieghat minn meta thabbret il-kandidatura ta' Pace fis-17 ta' Settembru 2012, liema decizjoni kienet li ma tipprezentax il-programm "Sellili" li kien skedat li jibda fl-1 ta' Ottubru 2012, filwaqt li xi programmi rekordjati ghall-iskeda li kienet se tispicca fl-ahhar ta' Settembru 2012 ixxandru xorta wahda.

Illi mill-provi mismugha jirrizulta illi d-decizjoni appellata ittiehdet stante li l-Bord Editorjali ta' dak iz-zmien, u anke l-Bord tad-Diretturi, kienu hassew li kien se jinholoq zbilanc bil-presenza ta' kuljum tar-rikorrenti fuq l-istazzjon nazzjonali. Jirrizulta wkoll illi gew applikati linji gwida li gew esebiti fil-process bhala Dok JS1 a fol. 68. Illi t-titolu tal-imsemmija Linji Gwida huwa s-segwenti "Linji Gwida dwar l-Obbligu tal-Imparzjalita` Dovuta" b'sub-titolu "Ahbarijiet, Programmi ta' Grajjiet Kurrenti, u Programmi dwar Suggetti Kontroversjali". Illi f'paragrafu hamsa (5) ta' dawn il-linji gwida, wiehed isib illi "*Il-PBS tistenna li l-programmi kollha mxandra minnha jsegwu dawn il-linji gwida. Madankollu, ta' min jinnota li l-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida hija iktar stretta fir-rigward tal-programmi li jitrattaw l-ahbarijiet u l-grajjiet kurrenti. Programm ta' grajjiet kurrenti huwa wiehed li joffri spjegazzjonijiet u/jew analizi ta' avvenimenti u kwistjonijiet kurrenti, inkluz materjal li jirrigwarda kontroversji politici jew industrijali, jew* ***policy*** *pubblika. Dawn il-linji gwida huma applikabbli b'mod partikolarment strett f'kaz ta' kontroversja politika jew industrijali, jew suggetti relatati mal-****policy*** *pubblika li jkunu suggett ta' xi programm, izda japplikaw ukoll ghall-programmi kollha."*

Imbaghad f'paragrafu tmienja (8) tal-istess linji gwida wiehed isib is-segwenti: *"Persuna ghandha tinforma minnufih lill-Editur tal-istazzjoni (il-Kap tal-Ahbarijiet) u qabel ma ssir maghrufa pubblikament, bid-decizjoni taghha li tippartecipa f'xi kampanja, li titfa' l-kadidatura taghha ghal elezzjoni generali nazzjonali jew lokali, li tfittex nomina ghall-kandidatura ma' xi partit, li tahdem jew tassocja ruhha pubblikament ma xi grupp li jmexxi kampanja jew xi grupp mhux politiku izda li jkun involut f'kontroversja pubblika kurrenti, sew jekk politika jew le, jew li tippartecipa f'attivitajiet simili. L-iktar haga importanti*

*f'tali cirkostanzi hija li jekk persuna jkollha dubju, hija ghandha tiehu parir minghand l-editur.*

*F'dan il-kaz, l-irwol ta' din il-persuna fi programmi mxandra fuq PBS jista' jigi mibdul, adattat jew imwaqqaf sabiex jigi zgurat li tinamm l-imparzjalita`.*

*Meta l-PBS jidhrilha li l-attivitajiet esterni ta' xi impjegat, produttur, prezentatur jew gurnalist minn tieghu konness ma' programm imxandar minnu, kemm jekk dawn l-attivitajiet ikunu approvati minn qabel mill-PBS, u kemm jekk le, ikunu saru ta' natura tali li taffettwa r-reputazzjoni u l-obbligu tieghu fir-rigward tal-imparzjalita`, il-PBS tista' tiehu dik l-azzjoni li jidhrilha xierqa biex ma thallix li ssir hsara fir-reputazzjoni taghha u biex ma tispiccax fi ksur tal-ligi. Dan jista' jinkludi l-adattament tal-irwol ta' persuna fi programm jew l-eskluzjoni tal-istess irwol minn dak il-programm."*

Illi ghalhekk, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghalkemm is-subtitolu tal-linji gwida jirreferi ghal programmi ta' grajjiet kurrenti, ahbarijiet u programmi dwar suggetti kontroversjali, il-PBS applikat l-istess linji gwida b'mod generali ghall-programmi kollha imxandra fuq l-istazzjoni nazzjonali, ghalkemm fir-rigward tal-programmi ta' grajjiet kurrent *eccetera* l-adezjoni ma' dawn il-linji gwida hija wahda iktar stretta ghaliex ovvjament l-istess programm jkunu qeghdin imissu direttament suggetti li jaffettwaw l-opinjoni pubblika.

Illi lil hinn minn dawn il-linji gwida, it-Tribunal hares ukoll lejn artikolu 119 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u cioe` dwar il-funzjonijiet tal-Awtorita` tax-Xandir li jghid is-segwenti:

*(1) Tkun funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir li tiżgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti."*

Naturalment l-Awtorita` tax-Xandir biex tizgura tali osservanza taghti direttivi u direzzjoni lill-istazzjonijiet televizivi u tar-radju. Madankollu, meta fil-25 ta' Settembru 2012 l-istess Awtorita` giet mistoqsija mir-rikorrenti jekk kinitx tat xi direttiva fir-rigward ta' xandara li kienu se jikkonstestaw l-Elezzjoni Generali, l-istess Awtorita` wiegbet fin-negattiv.[1]

Illi t-Tribunal fehem illi l-programm "Sellili" kien *magazine programme* fejn jigu mistiedna ghadd ta' mistednin biex jitkellmu fuq is-suggett partikolari

[1] Email mibghuta minn Dr. Tanya Sciberras Camilleri ghan-nom tar-rikorrenti u risposta minn Dr. Simon Manicolo, Segretarju tal-Bord tal-Awtorita` tax-Xandir

taghhom u ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni li l-istess programmi ma kinux ta' natura politika. Illi jirrizulta illi d-decizjoni appellata ma ttiehditx tant dwar il-kontenut offrut fl-istess programm imma ghaliex il-programm kien se jigi pprezentat minn kandidata prospettiva. Illi ghalhekk l-intimati kienu mhassba li r-rikorrenti seta' jkollha xi vantagg ingust fuq kandidati ohra billi kienet se tidher b'mod iktar frekwenti fuq l-istazzjoni nazzjonali. Dan ir-ragunar jirrazenta ghal kollox min-ness bejn il-presenza attiva tar-rikorrenti bhala prezentatur ma' xi intromissjoni jew involviment f'materja ta' kontenut politiku, kontroversjali industrijali jew materji ta' *policy* pubblika kurrenti.

Illi din il-kawza ghandha fattispece simili, ghalkemm mhux identici ghall-kawza fl-ismijiet **"John Bundy u Clyde Puli vs Awtorita` tax-Xandir"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 2002 fejn ir-rikorrenti f'dik il-kawza, li kienu ghadhom lanqas thabbru bhala kandidati ghall-elezzjoni generali, wkoll kienu gew imwaqqfa milli jxandru fuq stazzjoni privat in vista li kienu kandidati ghall-Elezzjoni Generali. Madankollu f'dik il-kawza kienet l-Awtorita` tax-Xandir li kienet ordnat li jieqfu jxandru.

Illi mhux kontestat illi r-rikorrenti kienet ilha ghal diversi snin tahdem bhala xandara, ad eccezzjoni ta' xi ftit snin, u li l-introjtu taghha kien jikkonsisti direttament mill-programm in kwistjoni. Illi kif qalet ben tajjeb l-Ewwel Qorti fis-sentenza su citata, pero` fir-rigward tal-Awtorita` tax-Xandir, *"l-poteri tal-istess Awtorita` konvenuta jezistu biss sabiex tassigura fil-limiti accettabbli f'socjeta demokratika li tinzamm imparzjalita` xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika, industrijali jew public policies korrenti, u li tali facilitajiet u hin tax-xandir ikun imqassam b'mod xieraq ghall-persuni ta' partiti politici differenti…"* Il-Qorti kompliet tghid illi *"**jidher car u palez fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-fatt li xandar jipprezenta jew jiehu sehem fi programmi li ma ghandhom xejn x'jaqsmu ma kontenut ta' natura politika, industrijali, jew dwar policies korrenti fil-pajjiz, qatt ma jistghu jimpingu fuq il-kuncett ta' parzjalita` xierqa u certament mehtiega fuq suggetti ta' kontroversja politika, industrijali jew policies kurrenti li l-istess Awtorita` hija tenut li tizgura, u dan kemm jekk tali xandar ikun kandidat prospettiv u kemm jekk ma jkunx**."*[2]

Illi jirrizulta illi c-Chairman tal-Bord Editorjali prezenti iddikjara illi l-*policy* adoperata mill-PBS tapplika wkoll anke jekk persuna tkun qed tipprezenta programm sportiv. Dan imur dijametrikament oppost ghal dak enuncjat mill-Qorti fil-kawza su citata **John Bundy et vs Awtorita` tax-Xandir**, fejn il-Qorti qalet *"...pero` fl-opinjoni ta' din il-Qorti, b'tali ordni qabzet il-limiti tal-kompetenza taghha moghtija permezz tal-istess Kostituzzjoni, stante li tali ordni tmur hafna oltre mil-limiti tal-istess awtorita` taghha, stante li qed tirregola x-*

[2] Enfasi tat-Tribunal

*xandir anke f'materja li mhumiex, almenu taht l-artikolu 119, minnha citata, fil-kompetenza taghha li taghmel, almenu bil-mod generali li fiha harget l-istess ordni li tipprojbixxi kull tip ta' partecipazzjoni tal-atturi fix-xandir, anke fi programmi per ezempju ta' sports, spots kummercjali u reklami, u daqq ta' diski, li ma ghandhom l-ebda messagg jew accenn ta' politika, jew materja ta' kontroversja industrijali kwalunkwe."*

Illi l-Qorti tosserva illi l-intimati fil-hrug tad-decizjoni appellata kellhom iharsu l-principji tal-gustizzja naturali tenut kont ukoll tal-fatt illi tali decizjoni kienet se taffettwa l-ghixien tar-rikorrenti u seta' jkollha effett dirett fuq il-professjoni taghha. **Dan kollu hu aktar aggravat bil-fatt illi,skond ix-xhieda ta' Joe Mizzi, wara xi jiem, u cioe` sakemm thabbret l-Elezzjoni Generali tal-2013, l-Awtorita` tax-Xandir biddlu l-istess *policy* biex b'hekk persuni bhar-rikorrenti setghu ikomplu bil-programmi taghhom.**[3] **Jirrizulta illi l-Bord kien jaf b'dan kollu kif johrog mix-xhieda tal-istess Mizzi. Madankollu ma hassx li kellu jipprovdi soluzzjoni lir-rikorrenti minhabba li dak iz-zmien kien qrib Elezzjoni Generali u kwindi kkunsidrat bhala zmien politikament sensittiv**.[4]

Illi ghalhekk, dan it-Tribunal ma jistghax hlief jikkondividi s-sottomissjonijet tar-rikorrenti li d-decizjoni mehuda mill-intimati kienet wahda abuziva u li kisret il-principji tal-gustizzja naturali. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza su citata "*...jsegwi li persuna politika li <u>incidentalment</u> tkun tezercita wkoll il-professjoni jew il-mestjer ta' xandar fuq il-mezzi tax-xandir, <u>b'dan il-fatt wahdu biss</u> u independentement minn xi involviment f'materja ta' politika et coetera, ma jistax jitqies li tali ezercizzju <u>ut sic</u> ikun jista' jigi pprojbit mill-Awtorita` billi jigi mwaqqaf. Dan ifisser ukoll allura li, bil-maqlub ta' dak li qed jigi sottomess mill-appellanti, is-semplici "exposure" ta' kandidat politiku fil-vesti ta' "disc jockey", jew ta' kummentatur sportiv m'hijiex bizzejjed biex wehidha twassal ghal xi nuqqas ta' imparzjalita` jew zbilanc fit-tqassim tal-facilitajiet jew hin ta' xandir bejnu u bejn kandidati politici ohrajn li ma jezercitawx tali professjoni jew mestjer."* Dan japplika wkoll fil-konfront tad-decizjoni mehuda mill-intimati.

Illi finalment, it-Tribunal josserva illi huwa m'ghandu l-ebda poter li jillikwida danni u jikkundanna lill-intimati ghall-hlas ta' danni. Tali gurisidizzjoni hija riservata biss lill-qrati ordinarji. Illi t-Tribunal kien originarjament iddecieda li l-agir appellat fil-fatt jammonta ghal att amministrattiv mahrug minn awtorita` pubblika. Wara tali decizjoni dahal in effett l-Att IV tal-2016 li specifika b'mod mill-aktar car il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal pero` bl-ebda mod ma

[3] Ara xhieda ta' Joe Mizzi a fol. 231
[4] Ibid. a fol. 232

nghata l-poter li jillikwida danni. Kwindi t-Tribunal mhux se jiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet talbiet.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti in kwantu qieghed jiddikjara illi d-decizjoni appellata kienet wahda nulla u bla effett fil-konfront tar-rikorrenti Claudette Pace filwaqt li jichad l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-intimati. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet talba in vista li dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda kompetenza jaghmel dak mitlub fl-istess talbiet.

Bl-ispejjez kontra l-intimati Public Broadcasting Services Limited (C13141) u Professur Joseph Pirotta, Professur Maryanne Lauri, Charles Mizzi, Anton Attard, Reuben Zammit u Natalino Fenech fil-kapacita' taghhom bhala membri tal-Bord Editorjali ta' Public Broadcasting Services Ltd. solidalment bejniethom.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**